**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imhallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Louis Caruana

*versus*

Michael Gatt *et noe*

**Appalt - Xoghol ta' Tikhil, Tibjid u Tqeghid ta' Katusi**

*L-attur aġixxa għaliex ippretenda bilanċ ta' prezz. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn ċaħdet it-talbiet tiegħu.*

Il-Qorti:-

Fit-3 ta' Novembru, 1995, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat din is-sentenza fi proċeduri ntavolati quddiem l-allura Qorti tal-Kummerċ li biha ċaħdet it-talba attriċi għall-ħlas ta' bilanċ pretiż mill-attur għall-prezz ta' appalt ta' xogħol ta' tibjid u tikħil;

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta:

"Illi l-attur huwa kreditur versu l-konvenuti *nomine* fis-somma komplessiva ta' elf, sitt mija, tnejn u tmenin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (Lm1682.25,0) rappreżentanti din is-somma xogħol ta' *plastering*, bilanċ minn somma akbar skond fattura annessa u mmarkata bħala dokument A u oltre dan xogħol ta' stokkjar fil-bibien ta' barra tal-lukanda San Pawl, ftuħ ta' drenaġġ, taqlib ta' bjut, tikħil fil-kuridur u prezz ta' żebgħa għall-kuriduri;

Illi l-konvenuti *nomine* nterpellati biex iħallsu baqgħu inadempjenti;

Talab li din il-Qorti tikkundanna l-konvenuti jħallsu s-somma ta' elf, sitt mija, tnejn u tmenin lira u ħamsa u għoxrin ċenteżmu lill-attur;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* li biha eċċepew:

"Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur stante li ebda ammont *kwalsiasi ta' flus ma huwa dovut minnhom lill-istess* attur, li invece jinsab imħallas per saldo kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Salvi eċċezzjonijiet oħra";

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenuti *nomine*;

Rat id-digriet tal-31 ta' Jannar, 1990, li bih ġie nnominat bħala perit l-A.I.C. Ian Zammit bl-inkarigu u fakoltajiet lilu mogħtija bl-istess digriet u d-digriet mogħti fl-10 ta' Ottubru, 1994, li bih l-imsemmi perit ġie sostitwit bl-A.I.C. Michael A. Refalo;

Rat ir-relazzjoni tal-perit ġudizzjarju l-A.I.C. Michael A. Refalo preżentata fit-3 ta' Marzu, 1995, u maħlufa fl-udjenza tat-3 ta' April, 1995;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-9 ta' Ġunju, 1995, li biha il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi l-perit ġudizzjarju *inter alia* wasal għall-konklużjonijiet li qed jiġu riprodotti hawn taħt u ċjoè:

"Għaldaqstant hija l-opinjoni ta' l-esponent li l-attur mhux iġġustifikat f'li jippretendi li jitħallas b'rati ogħla minn dawk indikati fil-ftehim <u>iffirmat minnu u minn Charles Buhagiar</u> għas-soċjetà konvenuta; liema ftehim jirriżulta mill-provi li huwa dak a fol. 20 tal-proċess u ċjoè dokument X anness mad-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine*;

Hija ukoll l-opinjoni ta' l-esponent illi l-attur ipprova li, oltre x-xogħol elenkat fil-kont maħdum mill-perit Micallef, sar xogħol ieħor li huwa stmat li jiswa Lm125.92,0, filwaqt li l-konvenuti *nomine* ppruvaw li x-xogħol taħt l-*items* 1G u 13A, B u C fil-kont tal-Perit Micallef għandhom jitnaqqsu peress li dan ix-xogħol ma sarx;

Hija inoltre l-opinjoni ta' l-esponent illi l-attur mhux iġġustifikat f'li jippretendi li jitħallas oltre r-rata miftehma għall-katusi. Il-kwalità tal-katusi ma ssemmitx fil-ftehim. Dwar iż-żieda fil-prezz taż-żebgħa l-esponent ma jistax jaċċetta li din kienet dovuta għall-għoli fil-prezz taż-żebgħa Sigma fuq iż-żebgħa Murisan; u dan mhux biss minn dak li xehed Charles Buhagiar u ż-żebgħa Sigma rriżultatlu li hija orħos miż-żebgħa Murisan; iżda ukoll għaliex li kieku kien kif qed isostni l-attur, iż-żieda fiż-żebgħa fuq ġewwa u fiż-żebgħa fuq barra kienet tkun l-istess għaliex iż-żieda tirrifletti biss żieda fil-materjal (żebgħa). U dan ma jirriżultax hekk; filwaqt li r-rata taż-żebgħa fuq ġewwa għoliet b'50 ċenteżmu, ir-rata għaż-żebgħa fuq barra għoliet b'25 ċenteżmu. Però lanqas ma huma ġġustifikati l-konvenuti *nomine* li jippretendu tnaqqis minħabba li ż-żebgħa Sigma hija orħos miż-żebgħa Murisan, kif allegaw. Hija l-

opinjoni ta' l-esponent li ma hemm xejn xi mtaqdar fiż-żebgħa Sigma; u la fil-ftehim ma ssemmietx il-marka taż-żebgħa, il-prezz għandu jibqa' bħalma hu fil-ftehim;

Lanqas ma jaqbel l-esponent li mill-kejl kellhom jitnaqqsu l-aperturi, kif qed isostnu l-konvenuti *nomine*. Hija l-konswetudini li l-kejl isir bil-magħluq u ċjoè kompriż l-aperturi, u għalhekk la ma sarx ftehim għall-kuntrarju, *hija l-opinjoni ta' l-esponent li l-Perit Micallef kien korrett meta kejjel bil-magħluq;*

Finalment, hija l-opinjoni ta' l-esponent illi l-attur mhux ġustifikat li jippretendi li l-konvenuti *nomine* jħallsu nofs id-drittijiet (1%) tal-Perit Micallef. Dan inkarigah l-attur biex jaħdimlu l-kont; u dana wara li spiċċa mix-xogħol; il-Perit Micallef ma kienx il-perit diriġenti x-xogħol u l-fatt li Charles Buhagiar ma oġġezzjonax għall-perit ma jfissirx li b'daqshekk inkarigah għal dan ix-xogħol ta' kejl;

Għaldaqstant, il-kont tal-Perit Micallef għandu, fl-opinjoni ta' l-esponenti, jiġi rivedut kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Item01A: | 8.181 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm28.63,0 |
| | *5.726 q.kw.* | *@ Lm2.25* | *Lm12.88,0* |
| 01B: | 5.959 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm20.86,0 |
| | 7.558 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm17.01,0 |
| 01C: | 5.875 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm20.56,0 |
| | *7.984 q.kw.* | *@ Lm2.25* | *Lm17.96,0* |
| 01D: | 3.239 qkw. | @ Lm3.50 | Lm11.34,0 |
| | 10.563 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm23.77,0 |
| 01E: | 3.628 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm12.70,0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 9.994 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm22.49,0 |
| 01F: | 3.443 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm12.05,0 |
| | 9.674 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm21.77,0 |
| 01G: | Nil | | Nil |
| | 36.811 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm82.82,0 |
| 02: | 616.400 m.kw. | @ Lm0.50 | Lm308.20,0 |
| 03: | 1232.800 m.kw. | @ Lm0.50 | Lm616.40,0 |
| 04A: | 73.622 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm257.68,0 |
| 04B: | 179.620 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm628.67,0 |
| 05: | 59.85 q.kw. | @ Lm8.00 | Lm478.80,0 |
| 06: | 6.094 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm21.33,0 |
| | 26.760 m.kw. | @ Lm1.00 | Lm26.76,0 |
| 07A: | 14.55 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm32.74,0 |
| | 63.890 q.kw. | @ Lm1.00 | Lm63.89,0 |
| B: | 16.975 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm59.41,0 |
| | 74.540 .kw. | @ Lm1.00 | Lm74.54,0 |
| 08: | 57.750 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm202.13,0 |
| | 253.60 m.kw. | @ Lm1.00 | Lm253.60,0 |
| 09A: | 6.094 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm21.33,0 |
| | 26.760 m.kw. | @ Lm1.00 | Lm26.76,0 |
| B: | 14.899 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm33.52,0 |
| | 65.420 m.kw. | @ Lm1.00 | Lm65.42,0 |
| 10: | 42.537 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm148.88,0 |
| 11A: | 4.604 q.kw. | @ Lm3.50 | Lm16.11,0 |
| B: | 6.868 q.kw. | @ Lm2.25 | Lm15.45,0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| C: | 50.370 m.kw. | @ Lm1.00 | Lm50.37,0 |
| 12: | 22.611 q.kw. | @ Lm10.00 | Lm226.11,0* |
| | 99.29 m.kw. | @ Lm0.50 | Lm49.65,0 |
| 13A: | Nil | | Nil |
| B: | Nil | | Nil |
| C: | Nil | | Nil |
| 14: | 449.000 p.lin. | @ Lm1.50 | Lm673.50,0 |
| Dritt tal-perit (1%) | | | Nil |
| | | | Lm4656.09,0 |
| Żid xogħol żejjed | | | Lm 125.92,0 |
| Ammont totali tax-xogħol | | | Lm4782.01,0 |
| Akkonti mħallsin | | | Lm5200.00,0 |
| Ammont imħallas żejjed lill-attur | | | Lm417.99,0 |

* Nota: Dan l-*item* mhux speċifikat; lanqas ma ssemmiet din ir-rata ta' Lm10 miż-żewġ partijiet. Għalhekk l-esponent qed jagħti l-benefiċċju tad-dubbju favur l-attur u ma biddilx din ir-rata;

Għalhekk hija l-opinjoni ta' l-esponent illi:

Dwar it-talba attriċi ebda bilanċ ma huwa dovut mis-soċjetà konvenuta lill-attur, iżda anzi s-soċjetà konvenuta ħallset lill-attur Lm417.99,0 oltre dak li kien dovut lilu;

Dwar id-dikjarazzjoni ta' l-attur:

L-attur mhux dovut is-somma ta' Lm1,682.25,0 bilanċ minnu preżż għal xogħol ta' bajjad li huwa għamel fuq inkarigu

tas-soċjetà konvenuta fil-lukanda San Pawl;

Ebda kopja ta' ittra interpellatorja ma ġiet esebita mill-attur;

Is-soċjetà konvenuta ppruvat li ebda ammont kwalsiasi ta' flus ma huwa dovut minnha lill-attur u li invece jinsab imħallas per saldo;

Dwar id-dikjarazzjoni tas-soċjetà konvenuta:

Il-ftehim tad-19 ta' Lulju, 1988, (dokument X a fol. 20 tal-proċess) huwa l-uniku ftehim li sar bejn il-partijiet;

Il-konvenuti *nomine* ppruvaw li matul l-esekuzzjoni tax-xogħol huma għaddew lill-attur pagamenti akkont għat-total ta' Lm5,200;

Il-konvenuti *nomine* ppruvaw li mhux biss l-ebda *bilanċ* mhu dovut lill-attur iżda anzi li l-attur tħallas Lm417.99,0 in eċċess; l-esponent mhux kompetenti biex jirrelata dwar jekk dan l-eċċess għandux jiġi mħallas mill-attur lura lis-soċjetà konvenuta;

Il-konvenuti *nomine* ppruvaw illi l-Perit Paul Micallef kien inkarigat mill-attur - u mill-attur biss - li dana naqas li jieħu in konsiderazzjoni l-ftehim oriġinarjament magħmul bejn il-partijiet (u wisq probabbli għaliex l-attur ma qallux b'dan il-ftehim); kif ukoll il-konvenuti *nomine* ppruvaw li f'dan il-kont il-Perit Micallef wasal għal figura totali ferm in eċċess ta' dak li kien realment dovut minnhom lill-attur";

Illi minn eżami tal-konsiderazzjonijiet kontenuti fir-

relazzjoni l-Qorti hija tal-fehma illi għandha tadotta l-konklużjonijiet peritali li huma fondati u ġusti;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad bħala nfondata t-talba attriċi peress illi l-attur mhux talli tħallas għas-saldu, iżda kif jirriżulta mill-konklużjonijiet peritali, tħallas in eċċess ta' dak li kien lilu dovut;

L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-attur";

Din il-Qorti ħasset il-ħtieġa li tirriproduċi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti anke jekk hi fil-parti l-kbira tagħha ta' natura teknika mhux biss għaliex dan jiffaċilita l-konsiderazzjoni tagħha imma ukoll, u aktar, għaliex l-aggravju prinċipali ta' l-appellant hu li "l-perit legali (għall-preċiżjoni teknika) u anke l-Ewwel Qorti għamlu apprezzament ħażin tal-fatti". Aggravju li qabel xejn jippresupponi illi l-fatti li skond l-appellant l-Ewwel Qorti u l-perit tekniku apprezzaw ħażin, kienu korrettement identifikati mill-appellant. Hu f'dan l-eżerċizzju bażilari li jirriżulta mill-atti proċesswali li l-appellant kien skorrett u żbaljat. Il-Qorti ser tikkunsidra qabel xejn dan l-aspett tal-vertenza;

L-appellant jagħmel is-segwenti dikjarazzjonijiet ta' fatt li fuqhom jibni l-aggravju tiegħu u li inoltre bihom jittanta jiġġustifika l-parti l-kbira taż-żieda fil-prezz ta' l-appalt skond il-ftehim oriġinali. Dikjarazzjonijiet li jirriżultaw ineżatti;

L-appellant jiġġustifika din iż-żieda għaliex skond hu kien hemm ftehim illi tinuża żebgħa tal-marka Murisan u fuq parir ta' l-istess attur dak il-ftehim kien ġie modifikat u ntużat żebgħa tal-marka Sigma. L-appellant jirrileva li Charles Buhagiar, *General Manager* tas-soċjetà konvenuta nkarigata mill-esekuzzjoni tax-xogħlijiet xehed: "Jiena aċċettajt il-parir tiegħu

(ta' l-attur) *li tinbidel il-marka taż-żebgħa u wiegħdtu li d-*differenza fil-prezz inħallasha". Dan l-aggravju seta' kellu sostanza li kieku verament kien jirriżulta illi ż-żieda tal-marka Sigma kienet ta' prezz ogħla minn Murisan. Jirriżulta però l-kontra, tant li l-appellanti *nomine* oġġezzjonaw għaż-żieda fil-kont ta' l-appellant fuq din il-partita proprju għalix sabu li ż-żebgħa Sigma kienet orħos miż-żebgħa Murisan. Fatt dan ikkonfermat mill-perit tekniku li avanza ukoll raġunijiet oħra għaliex, fil-fehma tiegħu, l-appellant ma kellu l-ebda dritt li jippretendi xi *żieda fuq din il-partita oltre l-prezz miftiehem fl-*iskrittura oriġinali. Anke jekk kellu jiġi aċċettat li r-rappreżentant ta' l-appellati *nomine* kien dispost li jimmodifika l-ftehim ta' l-appalt oriġinali f'dan ir-rigward kif *ex admissis* jidher li għamel meta kien taħt l-impressjoni li ż-żebgħa Sigma kienet ogħla fil-prezz minn dik Murisan. Bħala fatt jirriżulta illi l-appellati *nomine* ġabu prova permezz ta' rappreżentant tagħhom illi l-Murisan kienet tiswa Lm12.40 għal 10 litri waqt li s-Sigma li uża l-appellant fix-xogħol kienet tiswa Lm8.67. *Din il-prova ma ġiet bl-ebda mod kontradetta mill-appellant u* waħedha tinnewtralizza dan l-aggravju tiegħu;

L-appellant isostni li dan Buhagiar, li kif ingħad, hu persuna *inkarigata mis-soċjetà konvenuta biex tieħu ħsieb ix-*xogħlijiet u li rriżulta li magħha l-appellant ittratta, kien jaf illi kien hemm tibdil fil-kwalità tal-katusi li kienu ser jintużaw mill-appellant. Jissottometti li "Buhagiar kien jaf li hu materjal differenti li kien ser iġib miegħu prezzijiet differenti u xorta waħda ta l-kunsens tiegħu għal tali varjazzjoni. Konsegwentement, ma jistax wieħed jikkunsidra biss ir-rati kif miftehma ... Wieħed irid jinkludi ukoll il-ftehim li sar wara li, għalkemm ma sarx bil-kitba, huwa wieħed validu li jirriżulta b'ċertezza *mill-provi". Hu però din iċ-ċertezza li hi nieqsa, anzi* l-provi juru pjuttost il-kontra;

L-appellant jibbaża dan is-suppost ftehim fuq din is-silta

mix-xhieda ta' Buhagiar:

"*Meta ġie għall-katusi mar jixtriħom (l-attur) u ċempilli* biex jgħidli li l-katusi li kien juża s-soltu ma kienx sabhom. Kull ma kien sab kienu katusi ta' *gauge* eħxen milli juża s-soltu. Jiena ma nifhimx f'dan ix-xogħol u rrispondejtu, "Inti mhux materjal mill-aħjar konn ftehmna li tuża?" Hu staqsieni jekk għandux jixtrihom u jiena għidtlu illi x-xogħol ridtu lest għaliex kelli xi nies deħlin dalwaqt";

Issa apparti li hu ċar li dan id-diskors bl-ebda mod ma jista' jikkostitwixxi ftehim ġdid li jimmodifika t-termini ta' l-appalt jew li l-appaltatur b'xi mod aċċetta li jagħmel tajjeb għal *xi differenza fil-prezz tal-katusi dovuta għal din il-varjazzjoni* fil-kwalità, jonqos f'dik ix-xhieda dik l-espressjoni ċara u univoka meħtieġa biex tikkostitwixxi obbligazzjoni ġdida li setgħet timmodifika l-ftehim bil-miktub bejn il-kontendenti. Ftehim li kien espressament jipprovdi mhux biss illi x-xogħol kellu jiġi esegwit b'materjal ta' l-aħjar kwalità imma ukoll *expressis* illi "l-ispejjeż kollha kienu għall-kuntrattur". Mhux biss hu rilevanti illi fir-rigward tal-katusi kien miftiehem prezz uniku għall-materjal u xogħol (Lm1.50 il-pied) imma ġie ukoll miftiehem illi dawn kellhom ikunu tal-plastik. Hu sintomatiku illi l-appellant qed jippretendi żieda fil-prezz proprju għaliex uża katusa tal-plastik għaliex ma kienx sab ta' l-asbestos li bihom is-soltu jaħdem. Din il-Qorti, bħal perit tekniku u l-Ewwel Qorti, ma tistax tifhem kif l-appellant qed jippretendi li f'dawn iċ-ċirkostanzi kien hemm xi modifika tal-ftehim bil-miktub ta' l-appalt *fir-rigward tal-katusi meta tali aċċettazzjoni* u obbligazzjoni minn imkien ma rriżultaw;

L-Ewwel Qorti kkonkludiet illi d-drittijiet professjonali ta' dan il-perit li kejjel ix-xogħol u ħareġ il-kont li skond l-appellant kellu jiġi mħallas mis-soċjetà appaltatriċi kellhom jiġu

saldati mill-attur appaltatur billi kien hu li nkarigah. L-appellant isostni illi waqt li kien veru li l-perit kien tqabbad minnu dan kien sar bil-kunsens ta' Buhagiar. Ix-xogħol suppost li jitkejjel mill-appaltatur skond il-prattika kostanti u s-soċjetà konvenuta dan ma għamlitux u għalhekk il-perit bilfors kellu jiġi nkarigat mill-appaltant bi qbil mal-konvenuti *nomine*;

Anke f'dan ir-rigward, l-appellant mhux preċiż mal-fatti. Buhagiar jixhed f'dan ir-rigward: "Jiena għidtlu illi nistgħu *nkejjlu x-xogħol* però talabni li jiġib il-perit tiegħu ċjoè l-Perit Paul Micallef". Minn imkien ma jirriżulta illi s-soċjetà konvenuta aċċettat li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż ta' dan il-perit jew li dan jiġi nkarigat ukoll f'isimha. Jirriżulta ukoll, però, illi dan il-perit aġixxa unikament fuq istruzzjonijiet ta' l-attur u fuq l-indikazzjonijiet fir-rigward tar-rati u kundizzjonijiet tal-ftehim lilu minnu mogħtija anke jekk issa jirriżulta żbaljatament. Il-perit ħareġ il-kont li issa jirriżulta skorrett fl-interess ta' l-appellant u din il-Qorti ma tarax allura kif tista' takkolla d-drittijiet professjonali tiegħu jew parti minnhom fuq is-soċjetà konvenuta li bl-ebda mod ma nkarigatu jew użufruwiet mis-servizzi tiegħu. Kif sewwa rrileva l-perit tekniku, il-Perit Micallef ma kienx il-perit diriġenti x-xogħol u l-fatt li Charles Buhagiar ma oġġezzjonax għalih ma jfissirx li b'daqshekk inkarigah għal dak ix-xogħol ta' kejl. Wisq inqas *iżżid il-Qorti*, ma assuma xi *obbligi li jagħmel* tajjeb għad-drittijiet personali tiegħu;

Din il-Qorti hi, bħall-Ewwel Qorti, kompletament sodisfatta bir-relazzjoni teknika li sewwa tanalizza l-provi fir-rigward tal-ftehim ta' appalt u tal-mod kif kellu jiġi - kif minnu ġie - valorizzat. L-ebda kritika ta' sostanza ma saret mill-appellant għar-rapport peritali u allura l-aggravju tiegħu ma jistax jiġi milqugħ billi l-konklużjonijiet tal-perit tekniku jirriżultaw ġustament ibbażati fuq konsiderazzjonijiet validi;

Finalment, l-appellant jagħmel refrenza għall-artikolu *1639 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi "l-appaltatur illi ntrabat li* jtella' l-bini jew xogħol ieħor kbir skond pjanta stabbilita u miftehma ... ma jista' jitlob ebda żieda ta' prezz minħabba li jkun żdied il-prezz ... tal-materjal ..." L-appellant jissottometti dan l-*artikolu seta' kien jifforma l-ġustifikazzjoni legali għall*-oġġezzjonijiet ta' l-appellati *nomine* għat-talba tiegħu biex jiżdiedu l-prezzijiet miftehma. Isostni u sa hawn jidher korrett li dan l-artikolu ma huwa bl-eba mod applikabbli għaliex ix-xogħol li għamel bħala appaltatur ma kienx xogħol ta' bini u lanqas xogħol kbir ieħor skond xi pjanta stabbilita u miftehma iżda kien biss xogħol ta' tikħil, tibjid u katusi. Fil-verità ukoll però, dan l-artikolu hu għal kollox irrilevanti għal każ in eżami l-aktar għaliex hawn non si tratta minn xi żieda fil-prezz ta' materjal użat fl-appalt indipendenti mill-volontà tal-kontraenti. Il-prezz tal-materjal miftiehem bl-ebda mod mhu allegat li żdied. Il-pretensjoni ta' l-appellant hi li kien hemm ftehim li l-appaltant jagħmel tajjeb għal żiedet fil-prezz ta' l-appalt, dovuti għal suppost varjazzjonijiet għal kuntratt ta' appalt li hu allegat li saru konsenswalment. Tali ftehim però bl-ebda mod ma ġie sodisfaċentement ippruvat. L-appell ta' l-attur allura ma jistax jirnexxi;

Għal dawn il-motivi, l-appell hu miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

---